*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,269, 19 ta' April, 1984*

*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru. IX ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.**

## ACT No IX of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Education Act, 1974.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

19 ta' April, 1984

# ATT Nru. IX ta' l-1984

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 12 u 13 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minflok l-artikoli 12 u 13 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Skejjel privati jkollhom liċenza.

12. (1) Salv dak li hu provdut aktar 'il quddiem, ebda persuna barra mill-Ministru ma għandha twaqqaf jew iżżomm skola kemm-il darba dik l-iskola ma jkollhiex liċenza mill-Ministru skond dan l-Att.

(2) Liċenza maħruġa taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun valida għal sena skolastika waħda u tista' tiġġedded għal perijodi oħra kull wieħed minnhom ta' sena skolastika, kemm-il darba ssir applikazzjoni lill-Ministru għal dak il-ħruġ jew tiġdid mhux iktar tard mit-30 ta' April li jiġi qabel dik is-sena.

(3) Salv is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13, fil-ħruġ jew tiġdid ta' kull liċenza bħal dik il-Ministru jista' jistabbilixxi dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet li jidhirlu xierqa, magħduda jekk jistgħux jintalbu miżati jew le, u, jekk jistgħu jintalbu, kemm ikunu, kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet ta' dħul f'dawk l-iskejjel dwar il-kategoriji differenti ta' dawk l-iskejjel.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "miżati" tinkludi kull rimunerazzjoni jew kumpens b'korrispettiv għal kull edukazzjoni jew tagħlim fi skola u kull donazzjoni jew kontribuzzoni dwar dik l-edukazzjoni jew dak it-tagħlim.

(4) Kull skola li għandha liċenza mill-Ministru taħt dan l-Att għandha tiġi reġistrata mid-Direttur f'reġistru miżmum għal hekk f'dik il-forma li jidhirlu xierqa jew li tista' tiġi preskritta; u dak ir-reġistru għandu jinżamm miftuħ għall-ispezzjon mill-pubbliku fil-ħinijiet xierqa kollha.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu sena skolastika b'riferenza għal skola tfisser il-perijodu minn meta tibda l-iskola f'xi sena sal-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' l-eżamijiet finali fis-sena li taħbat wara u li f'ebda każ ma tkun iżjed minn tnax-il xahar kalendarju.

(6) Dan l-artikolu ma japplikax għal skola, li tkun proprjetà ta', jew immexxija minn, Gvern jew istituzzjoni barranija, li tkun imwaqqfa jew miżmuma skond arranġamenti speċjali mal-Gvern ta' Malta.

Liċenzi ta' skejjel privati.

13. (1) Il-Ministru ma għandux joħroġ jew iġedded liċenza taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att kemm-il darba l-applikant ma jintrabatx bil-miktub li jħares il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet proposti tal-liċenza u kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet, it-tagħmir u l-amenitajiet ta' l-iskola proposta kif ukoll il-persunal u l-kurrikulu ġenerali, u ż-żmien li fih skola għandha tibqa' miftuħa u taħdem, ma jkunux ta' livell li jipparaguna ma' dawk ta' skejjel tal-Gvern; u jista' f'kull żmien iħassar kull liċenza maħruġa jew imġedda taħt dak l-artikolu jekk ma jibqax iktar hekk sodisfatt jew fil-każ ta' ksur tal-kondizzjonijiet jew ħtiġiet stabbiliti fil-liċenza.

(2) Salv id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att meta xi skola tinżamm mingħajr liċenza kif provdut fl-artikolu 12 ta' dan l-Att, jew meta fil-fehma tal-Ministru xi skola ma tkunx qed tinżamm skond xi kondizzjoni jew ħtieġa mposta fil-liċenza, jew skond regolamenti li jistgħu jiġu preskritti taħt dan l-Att, il-Ministru jkun jista' bis-saħħa tal-liġi jieħu fuqu l-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' dik l-iskola bl-esklużjoni tas-sid ta' dik l-iskola jew persuna oħra li tkun inkarigata minnha sakemm dak is-sid ta' dik l-iskola jew persuna oħra li tkun inkarigata minnha tintrabat li tħares il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet kollha tal-liċenza u sadattant l-ispejjeż kollha li jistgħu jsiru jibqgħu għar-responsabbilità ta' dak is-sid u l-Gvern ikollu jedd li jdaħħal lura dawk l-ispejjeż.

(3) Il-jedd eżerċitat mill-Ministru skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkun bla ħsara għal kull kumpens li jista' jkun dovut lis-sid ta' l-iskola jew lill-persuna li jkollha l-jedd għalih minfloku taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Minnufih wara l-paragrafu (f) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ff) biex jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet li taħthom xi stabbiliment ta' l-edukazzjoni barrani jista' jagħmel eżamijiet f'Malta;".

Dispożizzjoni transitorja.

**4.** Meta għall-finijiet ta' dan l-Att skola mwaqqfa qabel l-1 ta' Ottubru, 1973, u li kienet qed taħdem f'dik id-data tkompliet tinżamm u tqieset li kellha liċenza mill-Ministru taħt l-Att prinċipali, għandha tkompli hekk titqies li għandha liċenza hekk iżda li —

(a) dwar edukazzjoni sekondarja, l-iskola ma tkomplix hekk titqies li għandha liċenza mill-31 ta' Awissu 1984; u

(b) dwar kull edukazzjoni oħra l-iskola għandha tkompli hekk titqies li għandha liċenza sa dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal kategoriji differenti ta' edukazzjoni.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 169 tat-18 ta' April, 1984.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*